MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Jesmond Marshall
vs
It-Tabib Principali tal-Gvern u s-Segretarju Amministrattiv

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz bejn id-9 ta' Mejju 1987 u Gunju ta' l-1988, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi indebitament u minghajr ebda raguni valida garrab sensiela ta' "transfers" fi hdan id-Dipartiment intimat.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

F'April ta' l-1984 ir-rikorrent ghamel ezami kompetittiv ghal "Pupil Nurse" u ghadda. Peress illi kellu jidhol mat-tieni grupp ta' studenti, u bejn grupp u iehor kien hemm differenza ta' madwar tliet xhur, offrewlu li f'dan iz-zmien

ta’ stennija jidhol jahdem bhala “Health Assistant” fid-Dipartiment tas-Sahha. Flimkien ma’ hames studenti ohrajn u hu accetta din il-proposta u baghtuhom jahdmu fil-“Medical Records”. Fiz-zmien in kwistjoni r-rikorrent gie mahtur minn shabu bhala “shop steward” biex jirrapresenta lill-“health assistants” f’Malta u Ghawdex. Sadanittant, ir-rikorrent iddecieda illi minflok imur “Pupil Nurse” ikompli bhala Health Assistant. F’Mejju ta’ l-1987 ir-rikorrent beda jgarrab sensiela ta’ vendikazzjonijiet fis-sens ta’ “transfers” vendikattivi li ma waqfux sakemm fl-ahhar, meta ma felahx aktar, iddecieda li jitlaq mix-xoghol, f’Gunju ta’ l-1988.

Illi r-rikorrent xtaq igib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li lir-rikorrent jinghatalu skond il-proceduri applikabbli x-xoghol li kellu lura jew xoghol iehor analogu, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi kompensat permezz tal-hlas ta’ ammont mhux eccedenti s-somma ta’ hamest elef liri Maltin (Lm5000) kif jidhirlu xieraq it-Tribunal fic-cirkostanzi.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern et li eccepew:

Illi r-rikorrent gie appuntat Health Assistant fl-10 ta’ April 1987.

Illi rigward l-allegati transfers, jirrizulta li r-rikorrent inghata zewg transfers biss fl-14 ta’ Lulju 1987 u fil-5 ta’ Ottubru 1987, liema transfers inghataw skond l-appointment tar-rikorrent u cioe` skond l-esigenzi tas-servizz dak inhar li nghataw. Di piu` giet segwita l-Procedura Amministrattiva

kollha cioe` bl-approvazzjoni tal-Management & Personnel Office.

Ghaldaqstant l-intimat filwaqt li jgib il-premess a formali konjizzjoni tar-rikorrent, talab lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez, it-talbiet maghmula fir-rikors.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.
Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit li jinsab a fol 13 sa 15 tal-process fejn fih semma li mal-bidla tal-Gvern f'Mejju 1987 bdewlu transfers li hu sostna li l-uniku ghan taghhom kien li jkissruh kemm mentalment u fizikament. Semma li f'Gunju 1987 kien avzat permezz ta' telefonata d-dar fejn xi hadd avzah biex mil-ghada jirraporta ghax-xoghol l-Isptar Boffa flok il-Medical Records fejn kien jahdem precedentament. Fl-istess gurnata mieghu kienu gew trasferiti wkoll Joe Camilleri Clerk I u John Chetcuti Hospital Orderly. Semma li huma t-tlieta kienu mill-aktar anzjani fid-Dipartiment u huma t-tlieta kienu li nqalghu. Hu kien irrapporta l-Isptar Boffa kif ordnat imma l-Amministrazzjoni ta' l-Isptar Boffa l-anqas biss kienu jafu fejn sejrin jaqbdu jitfuh u kien gie mibghut l-X-Rays izda l-anqas lahqet ghaddiet siegha li ma regax gie maqlugh u mibghut mal-General Service ta' l-Isptar fejn fost ix-xoghol gdid tieghu kien hemm dak li jgorr il-mejtin. Ma kenitx lahqet ghaddiet gurnata li ma giex maqlugh u mibghut l-"iSpinal Unit" fejn beda jaghmel xoghol ta' fattiga. Wara xi tlett gimghat, rega' gie maqlugh u mibghut ghal darba ohra mal-General Services. Wara ftit taz-zmien, kien rega' gie trasferit ghall-Isptar Monte Carmeli fejn ghal darba ohra kif wasal hemm l-anqas biss kienu jafu bih. Ghall-ewwel beda jahdem fil-Laundry, post maghruf bhala tal-kastig. Twaqqaf milli jahdem bix-'shift'. Fil-Laundry

kellu tnejn min-nies fi grad hafna inqas minn tieghu u kienu ghamluhom bhala ‘acting supervisors’ jaghmlu supervizjoni fuqu.  L-unika kwalifika li kellhom dawn in-nies kienet li kienu maghrufa bhala Nazzjonalisti skond ma sostna r-rikorrent.  Wara xi zmien kien intbaghat jahdem bhala ‘supervisor’ l-isptar San Luqa imma ma damx aktar minn tlett ijiem ghax kien rega’ gie mibghut lura fuq struzzjonijiet tal-Ministeru tas-Sahha.

Kien spicca jiehu hafna sick leave u qabditu dipressjoni. Fl-ahhar irrezenja minn mad-Dipartiment tas-Sahha u beda jahdem ma’ kumpanija tax-‘shipping’ bhala ‘shipping clerk’ fejn wara sentejn kien lahaq ‘manager’ tal-kumpanija u aktar tard ‘managing director’ tal-istess kumpanija.  Fil-prezent jahdem it-Tarzna bhala ‘chargeman’ fl-istorijiet.  Sostna li dak li gara kienet serja hafna ghax spiccat il-karriera tieghu f’dak li kien qed jaghmel.  Kien ghamel sentejn sagrificcju bhala student jahdem erbghin siegha fil-gimgha u jithallas anqas minn nofs il-paga, tilef promotions li seta’ ha fis-settur pubbliku, allownces, arrettrati u kull haga ohra li jgawdu il-haddiema tal-Gvern.

Meta xehed in-kontro ezami semma illi meta hu kien gie trasferit mil-Medical Records ta’ St Lukes ghall-Isptar Boffa kienu ntbaghtu nies minfloku fil-Medical Records. Kien ntbaghtu tnejn ohra meta hu u siehbu kienu gew trasferiti.  Hu l-Isptar Boffa dam madwar tliet xhur u f’dawn it-tliet xhur kien idur minn sezzjoni ghall-ohra il-hin kollu. Il-grad tieghu kien fil-fatt baqa’ l-istess izda bhala stat ta’ fatt gieli anke qabduh jahsel toilets.  Proprjament ix-xoghol ta’ Health Assistant huwa assistenza lin-nurses.

Sostna illi meta kien sar l-ewwel transfer fil-fatt kienet fuq telefonata li saritlu d-dar.  Meta gie trasferit mill-Isptar Boffa ghal Mount Carmel tilef l-allowances tal-Hdud u Festi.  Ir-raguni ghaliex irrizenja minn mad-Dipartiment tas-Sahha kien li ma setax jiflah aktar fuq ix-xoghol ghax kien qieghed f’tarf ta’ breakdown u ghalhekk kellu jitlaq.

Ir-rikorrent xehed illi meta nghata t-transfer hu kien tilef ma l-Lm40 fix-xahar u dawn oltre li tilef ukoll allowances

ohra tal-festi pubblici li kienu jamontaw ghal madwar Lm200 fis-sena. Dawn kienu jizdiedu pro rata skond il-paga.

Xehdet Margaret Baldacchino li semmiet li r-rikorrent kien jahdem maghha fis-sezzjoni tal-Medical Records ta' St Lukes u li wara l-elezzjoni ta' l-1987 ir-rikorrent kien gie trasferit mis-sezzjoni u ma baqax jahdem hemmhekk. Dak iz-zmien ix-xoghlha kien ta' Health Assistant u kien jikkonsisti f'li jfittxu u jiffaljaw il-files. Hu kien gie trasferit ghall-isptar Boffa.

John Chetcuti kkonferma li hu kien jokkupa l-kariga ta' Hospital Orderly u kien allokat fil-Medical Records ta' l-Isptar San Luqa u baqa' jahdem hemmhekk sas-16 ta' Lulju 1987. Hu kien responsabbli mis-Supervizzjoni ta' l-istaff tal-Medical Records u kellu sehem ewlieni fl-organizzazzjoni ta' dan l-ufficcju li minn sistema antikwata inbidel ghal wiehed modern u kompjuterizzat. Hemmhekk kien jahdem fuq sistema ta' shift bis-Sibtijiet u Hdud u Festi. Kien jithallas tax-shift allowances wara li kien sar ftehim mal-Union. Izda fis-16 ta' Lulju 1987, ftit gimghat wara l-elezzjoni generali, kien gie trasferit mill-Isptar San Luqa ghal Sir Paul Boffa bl-istess grad ta' Hospital Orderly u allokat ma' l-X Rays. Wara kien rega' gie trasferit. Hu kien jahdem flimkien mar-rikorrent li kien gie trasferit ukoll.

Xehed Alfred Vella li kien Segretarju tat-Taqsima Servizzi Pubblici fil-General Workers Union u semma li lir-rikorrent kien jafu ghaliex kien wiehed mix-Shop Stewards tieghu u kien wiehed mill-ahjar shop stewards. Semma li r-rikorrent kien urieh li trasferuh minn St Lukes halli ma jibqax jiehu hsieb in-nies bhala shop steward hekk kif kien qed jaghmel. Hu semma li kien intervjena fil-kaz tar-rikorrent izda kull ma nghata bhala risposta kien li t-transfer kien rikjest minhabba esigenzi tas-servizz u qatt ma nghata raguni ohra. Semma li t-trasferimenti li kienu qed isiru dak iz-zmien ma kienux jaghmlu sens, ma kienx hemm raguni specifika ghalihom, tant hu hekk li wara ftit li saru dawn it-trasferimenti l-Isptar kien mar lura mhux hazin.

Xehed James Catania rapprezentant tas-Segretarju Amministrattiv li qal li s-Segretarju Amministrattiv ma jidholx f'dawn it-tip ta' transfers, hekk kif imsemmija fir-rikors ghax dawn huma transfers inter-dipartimentali.

**KONKLUZJONIJIET:**
Ikkunsidra

Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:
"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifhmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta` titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Fil-kawza fl-ismijiet "Silvio Demanuele vs Tabib Principali tal-Gvern" deciza minn dan it-Tribunal fid-29 ta' April, 1998, intqal:

"L-esigenzi tas-servizz mhix xi haga li kapriccosament tista' tuza' bhala pretest biex taghmel li trid u tittraskura d-drittijiet tal-haddiema. Jekk verament ikun hemm esigenzi tas-servizz dan jintitola lill-Gvern mal-principju tal-mobilita' tas-servizz li jsir it-trasferiment; izda dawn l-esigenzi iridu jigu ippruvati u mhux semplicement allegati." [ara wkoll George Cutajar vs Direttur tal-Agrikoltura 6/4/98].

F'dan il-kaz l-esigenzi tas-servizz gew allegati izda b'ebda mod pruvati. L-anqas biss ma deher ebda ufficjal li spjega li din l-esigenza kienet tikkonsisti filli r-rikorrent jintbaghat

post gdid, jew jekk kienx mehtieg li jigi xi hadd minfloku. Meta mar il-post il-gdid l-anqas biss kienu jafu x'ser jaghmlu bih ghall-ewwel.

Ghalhekk jichad din l-eccezzjoni.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens fl-ammont ta' elfejn u hames mitt lira [LM2500].

Ir-rikorrent istitwixxa l-kawza kontra t-Tabib Principali tal-Gvern u s-Segretarju Amministrattiv. Irrizulta li fil-fatt is-Segretarju Amministrattiv ma kellu xejn x'jaqsam ma' transfers interni u ghalhekk qieghed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ammont ta' kumpens irid jithallas lir-rikorrent mill-intimat l-iehor u cioe' t-Tabib Principali tal-Gvern a tenur tal-Artikoli 181B tal-Kap 12.

Spejjez kontra l-intimat hlief dawk relattivi ghas-Segretarju Amministrattiv li huma a karigu tar-rikorrent.

--------------------------------TMIEM--------------------------------